30 ta' Jannar 1967.

Imħallfin:—

S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.
Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.
Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Rosina armla Zerafa

*versus*

Giuseppina Zerafa et.

**Appell — Nullita — Forma tat-Talba — Bord tal-Kera — Dikjarazzjoni Falza — Prova — Rimedju Mogħti**

*Appell li fih tintalab ir-revoka u mhux ir-riforma ta' sentenza appellata mhux null peress li l-kapi tas-sentenza deċiżi favur l-appellant ma setgħax ikun hemm kwistjoni ta' appell minn[illegible] u [illegible] l-meritu. Fi kwalunkwe każ*

*tali dijett ma jwassalx għan-nullità tal-appell imma għall-korrezzjoni tal-petizzjoni.*

*Fil-każ ta' sentenza ta' sgumbrament tal-Bord tal-Kera ottenuta b'dikjarazzjoni falza l-liġi tipprovdi lill-persuna danneġġjata b'żewġ rimedji mill-liema dan jista jagħżel; u cioe dak ġenerali taħt l-artikolu 43 tal-Kapitolu 109, u dak iktar limitat taħt l-artikolu 12 tal-istess liġi.*

*Fil-meritu kien hemm almenu dubbju jekk id-dikjarazzjoni tal-appellati magħmula fiż-żmien tas-sentenza oriġinali kienetx falza. Id-dikjarazzjoni tal-parti fuq ir-rikors għall-iżgumbrament hi suffiċjenti biex tirrendiha hatja ta' dikjarazzjoni falza. Imma stante li din hi responsabilità ta' natura penali jeħtieġ li l-falzità ta' dikjarazzjoni tiġi pruvata minn min jallega bi grad rilevanti ta' ċertezza.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jittieħdu l-provvedimenti opportuni u neċessarji — premess illi l-konvenuti b'deċiżżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-29 ta' Mejju, 1962, ottenew l-iżgumbrament tal-attriċi mill-fond "Queen Mary" Saint Edward Street, Qormi, billi ddikjaraw li kellhom bżonnu għal użu tal-konvenuti Spiteri; u premess illi dina d-dikjarazzjoni li kellha bħala konsegwenza d-deċiżżjoni preċitata hija falsa — kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża — talbet illi jiġi dikjarat illi l-fuq imsemmija deċiżżjoni tal-Bord Li Jirregola l-Kera tad-29 ta' Mejju, 1962, hija konsegwenza ta' dikjarazzjoni falza tagħhom u għal dina r-raġuni jiġu kundannati li jħallsu lill-attriċi dik il-penali li tiġi fissata mill-Qorti skond l-artikolu 43 tal-Ordinanza li tirregola t-tiġdid tal-Kiri tal-Bini. Bl-ispejjes kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu:

1. Illi l-attriċi, kif jirriżulta miċ-ċitazzjoni, qegħda tibbaża t-talbiet fuq id-disposizzjoni tal-Art. 43 tal-Kap. 109 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda dik id-disposizzjoni mhiex applikabbli għall-każ, għaliex, billi l-istanza *tal-eċċipjenti quddiem il-Bord tal-Kera kienet intiża* għall-iżgumbramenti, hija applikabbli, d-disposizzjoni partikolari għall-iżgumbrament, kontenuta fl-artikolu 12 ta' dik *l-istess liġi* — u għalhekk billi *t-talba tinsab basata fuq* kawżali ħażina l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mit-talba attriċi, bl-ispejjes;

2. Illi, subordinatament għall- premess, kieku qatt ittalba tista tiġi bażata fuq id-disposizzjoni tal-Art. 43, in kwantu relativa għad-dikjarazzjoni li d-deċiżżjoni tal-Bord tal-Kera tad-29 ta' Mejju, 1962 kienet "konsegwenza ta' dikjarazzjoni falsa" tal-eċċipjenti — *din il-Qorti mhiex kompetenti li tiddeċiedi* dana l-punt, u allura, in kwantu relativa għal ħlas ta' penali dik id-domanda hija prematura u intempestiva;

3. Illi, di fatti, l-Artikolu 43 jagħti d-dritt lil persuna aggravata bis-sentenza illi titlob ritrattazzjoni tal-kawża quddiem l-istess Bord, u f'kas biss ta' eżitu favorevoli, tadixxi din il-Qorti għall-ħlas ta' penali: L-ebda talba ta' rittrattazzjoni ma ġiet esperimentata quddiem il-Bord tal-Kera minn l-attriċi u għalhekk, kif ġià sottomess, it-tieni talba ma tistax tiġi kunsidrata. Anki għal dina r-raġuni subordinata l-eċċipjenti jitolbu rispettosament (a) li *dina l-Qorti* jogħġobha tiddikjara ruħha inkompetenti għall-ewwel talba, u (b) li jiġu liberati "ab observantia" mit-tieni talba;

4. Illi kieku qatt l-attriċi kienet tista' tisposta t-talba tagħha taħt l-Art. 12 tal-liġi, dina l-Qorti tibqa dejjem inkompetenti għaliex, skond dak l-Artikolu, anki għal penali

huwa kompetenti l-Bord li Jirregola l-Kera;

5. *Subordinatament, fil-meritu, l-unika persuna li* għamlet xi dikjarazzjoni fil-kawża pendenti fil-Bord, kienet l-eċċipjenti Giuseppa Zerafa — l-ebda dikjarazzjoni, f'ebda sens, ma ġiet magħmula mill-eċċipjenti l-oħra, u għalhekk it-talba, jekk qatt, kienet tista' tiġi diretta kontra l-imsemmija Giuseppa Zerafa biss. Il-konvenuti l-oħra għandhom jiġu liberati mid-domandi, bl-ispejjeż.

6. Illi, għal dak li jirrigwarda Giuseppa Zerafa, id-domanda diretta kontra tagħha lanqas ma hi sostenibbli: (1) għaliex l-attriċi ġarret u ħarġet mill-post inkwistjoni minn qabel ma kienet ġiet mogħtija s-sentenza, u marret toqgħod band'oħra, u għalhekk mhux b'effett tas-sentenza imma bil-fatt tagħha proprju; (2) għaliex l-imsemmija Giuseppa Zerafa, meta tat it-testimonjanza tagħha, kienet in "buona fede", *għaliex kienet ċerta li l-miżżewġin Spiteri* kienu sejrin, kif fil-fatt marru, jabitaw il-fond in kwistjoni. Jekk imbagħad ma baqgħux, dana kien għal raġunijiet sopravenuti li ma kienux jeżistu meta għamlet id-dikjarazzjoni attakkata mill-attriċi, u għalhekk ma jivverifikawx *ruħhom* fil-każ l-elementi *rikjesti* sia minn l-Art. 43 jew minn l-Art. 12 tal-liġi ċitata.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Ottubru, 1966 li biha ddeċidiet billi ċaħdet it-talbiet u ordnat li l-ispejjes jitħallsu kwantu għal terz mill-attriċi u kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuti — b'riserva lil dawn rigward ir-relazzjonijiet interni bejniethom wara li kkunsidrat:

Bl-ewwel eċċezzjoni minnhom sollevata, il-konvenuti ssottomettew illi għandhom jiġu liberati mit-talba attriċi għaliex l-attriċi qegħda tibbaża l-azzjoni tagħha fuq l-Art. 43

tal-Kap. 109, mentri, trattandosi fl-istanza ta' quddiem il-Bord tal-Kera ta' talba għall-iżgumbrament minn fond lokat. il-kawża odjerna kellha tiġi impustata fuq l-Art. 12 tal-Kap. 109.

L-art. 12 jiddisponi:

"Fil-każ li sid il-kera jieħu lura l-pussess tal-fond, taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu 10 u jiġu ppruvat li kien hemm wiri ta' ħaġa b'oħra jew qerq" (fit-test ingliż: simulation or fraud) "sid il-kera jkun obbligat iħallas lill-kerrej li jkun ħalla l-fond, minflok id-danni, penali ta' mhux iżjed minn mitejn lira li tiġi stabilita mill-bord."

L-Art. 43 jgħid: "Jekk jinsab li waħda mill-partijiet ħadet deċiżżjoni favorevoli mill-Bord minħabba dikjarazzjoni falza magħmula minnha, il-parti kuntrarja tista' tagħmel talba lill-Bord għas-smigħ mill-ġdid tar-rikors u tista' wkoll taġixxi quddem il-Qorti kompetenti għad-danni u ħlas ta' penali ta' mhux iżjed minn mitejn lira, kif stabbilita mill-Qorti."

Meta ġie promulgat l-ewwel Att dwar ir-rilokazzjoni tal-fondi urbani, l-Att Nru. 1 tal-1925, li kien jiregola, bħal l-liġijiet sussegwenti, tant ir-ripresa tal-pussess kemm il-kondizzjonijiet tar-rilokazzjoni mal-għeluq ta' lokazzjoni korrenti, ġiet inserita f'dak l-Att klawsola penali waħda ġenerika, jiġifieri dik tal-Art. 25, li kien jiddisponi: "Se risultasse che alcuna delle parti avrà ottenuto dalla Commissione una decisione favorevole in conseguenza di falsa esposizzioni da essa fatte, l'altra parte avrà il diritto di domandare innanzi la stessa Commissione l'annullamento di detta decisione e sarà intitolata a procedere contro la prima

innanzi alla Corte competente di ordinaria giurisdizione per ottenere oltre il risarcimento dei danni anche il pagamento di una penale non eccedente lire sterline cinquanta."

Dan l-att ġie *sostitwit* bl-Att No. XXIII tal 1929 li fih żewġ klawsoli penali separati, dik tal-Art. 14 u dik tal-Art. 51.

L-Art. 14 kien jiddisponi: "Nel caso che il locatore avesse ottenuto possesso del fondo ai termini dell'Art. 12 (b) e si provi che vi sia stata simulazione o frode il locatore sarà tenuto a pagare *al conduttore che avesse lasciato il fondo* invece dei danni una penali non eccedente £200 da essere stabilita dalla Giunta."

L-Art. 51 kien jiddisponi: "Qualora fosse a risultare che alcuna delle parti abbia ottenuto una favorevole decisione della Giunta in conseguenza di false dischiarazioni da lei fatte sarà *lecito alla* controparte *di fare domanda alla Giunta* per la ritrattazione del ricorso, e di istituire procedimento dinnanzi ad una Corte competente all'oggetto di ottenere invece dei danni il pagamento di una penale non eccedente due cento lire da essere stabilita dalla Corte."

L-Artikoli 12 u 43 tal-Kap. 109 jirriproduċu kważi kelma b'*kelma l-Artikoli 14 u 51 fuq imsemmija, bid-differenza* illi fl-Art. 43 il-penali sa mitejn lira hija in aggiunta għad-danni.

Din il-modifikazzjoni fl-Art. 43 saret kif jingħad fir-rapport tal-Avukat tal-Kuruna fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 7447 tad-19 ta' Ġunju, 1931 għaliex: The penalties for obtaining judgment *in consequence of false statements should* be rendered severer by allowing the party who is the vic-

tim of the false statements to claim damages as well as the payment of a penalty not exceeding £200." Fl-Art. 12, però, tissemma il-penali biss u mhux anki d-danni.

Din il-Qorti jidhrilha illi, mentri l-Art. 12 japplika għal każ ta' simulazzjoni u frodi eserċitati minn sid il-kera l-Art. 43 japplika għal każ meta xi waħda mill-partijiet tkun kolpevoli quddiem il-Bord mhux ta' **simulazzjoni jew frodi,** li jirrikjedu **apparat** fittizju ossia **stratagemma frawdolent,** imma ta' **dikjarazzjoni falsa** (Ara: Fadda Art. 1235 § 252, § 260 u § 345).

L-attriċi fil-kawża odierna qegħda tallega dikjarazzjoni falsa da parti tar-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Kera, u mhux ħaġ'oħra li talvolta taqa taħt l-apparat fittizju ta' simulazzjoni u frodi. Għalhekk hu applikabbli l-Art. 43, u l-Qorti tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni:

Il-konvenuti qegħdin jippretendu li din il-Qorti hija esawtorata milli tiddeċiedi dwar il-penali qabel ma tiġi mitluba ritrattazzjoni tal-kawża quddiem il-Bord.

L-Art. 43 jagħti d-dritt lill-attriċi illi titlob ir-ritrattazzjoni quddiem il-Bord, kif ukoll id-dritt li titlob il-penali *quddiem il-Qorti kompetenti. Dawn huma żewġ rimedji separati* u distinti; ma hemmx xi obbligu li jiġu eserċitati kumulativament, għaliex il-liġi ma timponi ebda obbligu f'dan is-sens. Il-parti sokkombenti f'kawża quddiem il-Bord tista' ma tkunx trid tirripristina d-drittijiet mitluba minnha u konsegwenza ta' deċiżjoni li hija tirritieni li ġiet ottenuta b'dikjarazzjoni falza, fil-waqt illi hija żżomm fermi d-drittijiet tagħha għal danni u penali.

Ma huwa *lanqas impost f'dak l-Artikolu l-obbligu lill-*Qorti kompetenti, li f'dan il-każ hija din il-Qorti, li tiffissa l-penali biss wara li l-Bord ikun ġie adit u jkun ippronunzja ruħhu fuq it-talba ta' ritrattazzjoni.

F'dan is-sens ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza parzjali tagħha tal-4 ta' Ottubru, 1933 fl-ismijiet: Avvocato Dottor Giuseppe Sacco v. Cornelius Francis Buckley, f'kas simili għal presenti.

Għalhekk il-Qorti tirrespinġi wkoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, kontenuta fit-tieni u fit-tielet paragrafi tan-nota tal-eċċezzjonijiet, u tiddikjara ruħha kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba, mingħajr in-neċessità illi l-attriċi tkun qabel esperimentat proċeduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Bord tal-Kera.

*Ikkunsidrat:*

In vista tad-deċiżjoni mogħtija fuq l-ewwel eċċezzjoni, ma hemmx lok li tiġi deċiża r-raba eċċezzjoni, li għandha bħala presuppost il-possibilità li t-talba tal-attriċi tiġi talvolta spostata taħt l-Art. 12 tal-Kap. 109, li ma hux il-każ.

Ikkunsidrat, dwar il-meritu u l-eċċezzjoni l-oħra;

L-ewwel nett, din il-Qorti ma ssibx li għandha tillibera "ab observantia" lill-konvenuti l-oħra barra minn Giuseppa Zerafa peress li ma xehdux fil-kawża li saret quddiem il-Bord. Huma *lkoll* iddikjaraw fir-rikors relativ (għalkemm ma xehdux) li jridu l-fond għall-użu ta' Frans u Luċia miż-żewġin Spiteri; u għalhekk għandhom interess fl-eżitu ta' din il-kawża, salv fil-każ ta' sokkombenza fil-meritu, kull *provvediment li jagħmel għal każ.*

Il-kawża li saret quddiem il-Bord, kif jidher mis-sentenza relativa riprodotta ġiet deċiża favorevolment għar-rikorrent ta' allura fuq dawn il-motivi:

"Peress illi r-rikorrenti Giuseppina Zerafa ħalfet illi l-fond "de quo" huwa rikjest għal użu tar-rikorrenti Frans u Luċia Spiteri, konjugi oħt u raġel tagħha, u billi mill-istess xhieda mhux kuntradetta irriżulta illi l-armla tal-intimat" (l-attriċi tal-lum), "li miet fil-mori tal-ġudizzju, u t-tifel ġuvni, ħarġu mill-fond in kwistjoni u marru joqgħodu band'oħra u l-post huwa vojt."

Illum jirriżulta mill-provi prodotti fil-kawża preżenti illi meta xehdet Giuseppina Zerafa (waħda mir-rikorrenti ta' allura u waħda mill-konvenuti tal-lum), ir-ripresa tal-pussess tal-fond kienet rikjesta biex jiġi okkupat minn oħtha Luċia Spiteri u żewġ din, però wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Bord dina Luċia Spiteri qalet lil Giuseppina Zerafa illi biddlet il-ħsieb li tmur tirrisiedi fil-fond. Fil-fatt il-fond baqa għal żmien mobilit bil-mobbli ta' Giuseppina Zerafa u Luċia Zerafa marret fih għal ġurnata waħda biss. Sa ċirka sena u għaxar xhur wara d-deċiżjoni tal-Bord il-fond kienet tmur fih Giuseppina Zerafa, li qalet li baqgħet tistenna li oħtha forsi tmur tabita fil-post.

Luċia Spiteri ddeponiet li waqt il-kawża tal-Bord ma qalet xejn lill-oħtha li ma kienitx sejra fil-fond, u li b'dan qaltilha biss wara li inqatgħat il-kawża. Kienet qaltilha: "Għal issa ma rridx ninżel fil-post, żommuh f'idejkom" u ħasbet li forsi jerġa jdurilha l-ħsieb, imma imbagħad meta għadda ż-żmien aktar ma rieditx tmur fih. Meta oħtha allura ġiet biex tikri l-post reġgħet staqsietha tridx tinżel fih, imma x-xhud qaltilha biex tikrih. Allura saret konċessjoni enfitewtika tal-fond lil ċertu John Schembri b'kuntratt tas-

6 ta' Marzu, 1964.

Hija l-attriċi li għandha tipporva li saret dikjarazzjoni falsa u inoltre li kien in konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni falsa li ġiet ottenuta d-deċiżjoni tal-Bord.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi d-dikjarazzjoni falsa ġiet soddisfaċentement provata. Mill-provi jirriżulta li meta xehdet quddiem il-Bord il-konvenuta tal-lum Giuseppina Zerafa kellha l-ħsieb li tirriprendi pussess tal-fond għal oħta Luċia Spiteri. Il-fatt li din biddlet l-ħsieb wara d-deċiżjoni ma jwassalx għall-konklużjoni illi d-dikjarazzjoni preċedenti ta' oħtha (li kienet l-unika waħda mir-rikorrenti li xehdet quddiem il-Bord) kienet falsa.

Għalhekk it-talba tal-attriċi ma timmeritax li tiġi milqugħa. Però huwa ġustifikat temperament fl-ispejjes minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, u speċjalment għaliex il-fatti susseg wenti għad-deċiżjoni tal-Bord kienu loġikament jiġġeneraw fl-attriċi suspett qawwi dwar id-dikjarazzjoni magħmula fl-ewwel kawża.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba tagħha tiġi miqugħa bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba tagħha tiġi milqugħa bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu illi fil-meritu is-sentenza appellata hija ġusta u tistħoqq konferma iżda fl-istess ħin eċċepew in-nullità tal-petizzjoni ta' l-attriċi u ap-

pellaw inċidentalment mis-sentenza appellata, u għalhekk talbu li —

(a) l-appell ta' l-attriċi jiġi dikjarat nul bl-ispejjes;

(b) subordinatament, is-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li (a) huma jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-azzjoni hi bażata fuq kawżali ħażina u (b) subordinatament, għaliex ma saritx talba għar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera;

(c) l-ispejjes jiġu distribwiti aktar ekwament; u

(d) Fi kwalunkwe każ jiġi respint l-appell ta' l-attriċi bl-ispejjes kontra tagħha.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Hu ovvjament xieraq fl-ewwel lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellanti tan-nullità tal-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attriċi.

[illegible] fatt hu ċertament veru illi s-sentenza appellata qabel ma eżaminat il-meritu ta' t-talba ta' l-attriċi appellanti u l-eċċezzjoni fil-meritu opposta għal dik it-talba mill-konvenuti appellati, iddisponiet minn eċċezzjonijiet oħra ta' natura proċedurali u irespinġiethom. Fl-ewwel lok is-sentenza appellata ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-appellati fis-sens illi t-talba ta' l-appellanti ġiet ibbażata ħażin fuq l-artikolu 43 tal-Kapitolu 109, u messa ġiet ibbażata, se mai, fuq l-artikolu 12 ta' dik il-liġi. Imbagħad is-sentenza appellata eżaminat u ċaħdet wkoll it-tieni eċċezzjoni ta' l-appellati fis-sens illi l-ewwel Qorti kienet inkompetenti għax kompetenti kien il-Bord

li jirregola l-kera. Fit-tielet lok is-sentenza appellata asteniet ruhha milli tiehu konjizzjoni tar-raba eċċezzjoni ta' l-appellati, in vista tal-konklużjoni raġġunta fuq l-ewwel eċċezzjoni. Imbagħad is-sentenza appellata eżaminat il-meritu u spiċċat biex ċaħdet it-talba ta' l-appellanti; bl-ispejjes kwantu għal § mill-appellanti u terz mill-appellati;

Issa fil-petizzjoni ta' l-appell l-appellanti talbet ir-revoka tas-sentenza appellata, u mhux ir-riforma tagħha fis-sens li jiġu konfermati l-kapi li kienu favorevoli għaliha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-appellati, u jiġi revokat il-kap li bih it-talba tagħha stess ġiet miċħuda.

Minħabba dan, l-appellati eċċepew l-ewwelnett illi l-petizzjoni ta' l-appellanti hi nulla, u kwindi, naturalment, null u irritu l-appell.

**Fil-fehma tal-Qorti l-appellanti setgħat kieku riedet talbet ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens suġġerit mill-appellati flok ma talbet, kif għamlet, ir-revoka u kienet tkun ukoll korretta.** Iżda l-fatt li talbet ir-revoka ma jfissirx, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, li għamlet ħażin, u ħażin b'mod illi jġib għan-nullità tal-petizzjoni u ta' l-appell. L-ewwel tliet "kapi" tas-sentenza appellata, jekk jistgħu jitqiesu "kapi" separati kienu favorevoli għall-appellanti u kwindi ma setgħax ikun hemm kwistjoni li hi setgħet tappella minnhom. Dawk il-kapi anqas kienu jolqtu b'xi mod jew jiddisponu minn xi parti tat-talba tagħha iżda kienu jolqtu biss u jiddisponu minn mezzi alternativi ta' difiża opposti mill-appellati. *Fi kwalunkwe każ din il-Qorti jidhrilha* illi għall-eċċezzjoni issa sollevata mill-appellati jgħodd u jista' jiġi adottat "mutatis mutandis" dak li din il-Qorti qalet fis-sentenza tagħha fil-kawżi "Calleja vs Mamo" App. Kumm. 15 ta' Diċembru, 1952 (Vol. XXVI, i, 367 speċ. 373)

fis-sens illi kieku stess fil-petizzjoni jew fin-nota ta' l-appell kien hemm id-difett rilevat mill-appellati, il-konsegwenza ma kienitx tkun in-nullita, imma l-emenda ta' l-iskrittura in bażi għall-artikolu 142 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Però, fil-każ *in ispecie*, *lanqas hemm bżonn* ta' ebda korezzjoni. L-ipotesi ta' l-indikazzjoni tal-kapi speċifiċi li minnhom isir l-appell u kwindi tat-talba għar-riforma, hi dik li fiha l-appellant ikun jista jappella mid-diversi kapi deċiżi iżda jagħżel li jappella minn wieħed jew minn xi uħud *minnhom* biss u jakkwieta ruħu għall-oħrajn. F'każ bħal dan jinħtieġ li jiġu indikati il-kapi li minnhom l-appell ikun qiegħed isir biex jiftihem illi għall-oħrajn hemm akkwiexxenza. Iżda fil-każ preżenti id-deċiżżjonijiet fl-ewwel parti tas-sentenza kienu *kif ġa intqal* favur l-appellanti u ma setax ikun hemm kwistjoni li hu jappella minnhom: Għalhekk in realta baqa biss "kap" wieħed li *minnu* hi setgħat trid tappella, dak li bih ġie deċiż il-meritu: u mill-premessi tal-petizzjoni *jidher bl-aktar mod manifest illi l-ilment* ta' l-appellanti kien dirett, kif ma setax ma jkunx eskluživament għal dak il-"kap"; u r-rimedju riċerkat mill-appellanti jista jiġi milħuq biss bir-revoka tiegħu.

Għalhekk il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellati bl-ispejjes kontra tagħhom.

Ikkunsidrat —

Issa jixraq, ukoll, li jiġi kunsidrat l-appell *inċidentali* ta' l-appellati għax anki dan iqajjem kwistjonijiet li huma ta' *indoli preliminari*.

L-appellati jissottomettu illi l-ewwel eċċezzjoni tagħhom messa ġiet milqugħa flok riġettata mill-ewwel Qorti għaliex jippretendu, kif ġa intqal, illi l-materja tat-talba ta' l-appel-

lanti hi regolata mid-disposizzjoni speċjali ta' l-artikolu 12 tal-Kap. 109 u ma satax jiġi invokat l-artikolu 43, li jikkontieni disposizzjoni ġenerali.

Dwar dan l-ilment ta' l-appellati din il-Qorti taqbel għal kollox ma dak li irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti. Kien imiss lill-appellanti li tagħżel id-disposizzjoni li trid taġixxi bis-saħħa tagħha, skond kif dehrilha li l-fatti kienu jiġġustifikaw: u l-kwistjoni jew ir-rimedju mitlub kienx kompetenti lilha jew lè, kienet kwistjoni ta' meritu u mhux ta' proċedura. Kif l-istess appellati jirrikonoxxu id-disposizzjoni ta l-artikolu 43 hi "ġenerali": dan ifisser illi dik id-disposizzjoni tgħodd għall-kull xorta ta' deċiżjoni mogħtija mill-Bord bis-saħħa ta' dik il-liġi kompriża deċiżjoni ta' żgumbrament: biss, fil-każ ta' żgumbrament taħt il-paragrafu b ta' l-art. 10 oltre dak ir-rimedju ġenerali, hemm ukoll rimedju alternattiv speċjali, ċioè dak provdut fl-artikolu 12, li jikkontempla ipotesijiet aktar limitati minn dawk kontemplati fl-artikolu 43. Hu veru illi l-liġi ma hiex la wisq loġika u lanqas wisq konsistenti magħha nifisha fl-arranġamenti li tagħmel. Difatti ir-rimedju li hi speċifikament tipprovdi fl-artikolu 12 għal każijiet ta' "simulazzjoni jew frodi" (li huma każijiet aktar gravi minn dawk ta' sempliċi "dikjarazzjoni falsa") f'każ ta' żgumbrament (li hu preżumibilment aktar gravuż minn kull deċiżjoni oħra li l-Bord jista' jagħti taħt dik il-liġi), hu inqas serju u enerġiku, minn dak provdut taħt l-artikolu 43, in kwantu li skond l-art. 12 il-penali sa minimum ta' £200 hi provduta "in lieu of damages", mentri fl-artikolu 43 il-penali, sa minimu ugwali, hi provduta in aġġunta għad-danni: Sfortunatament din mhix l-unika inkosistenza jew l-uniku żball ta' "omoġenita" u kompletezza f'dik il-liġi. B'dana kollu, però, hu ċar illi l-fatt li l-appellanti setgħat, kieku l-fatti kienu jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi prospettata mill-artikolu 12 tinqeda b'dak

ir-rimedju, ma jfissirx illi hi ma setgħatx ukoll, jekk deh-rilha illi l-fatti jinkwadraw ruħhom pjuttost fl-ipotesi pros-pettata mill-artikolu 43, tinqeda, kif għamlet, bir-rimedju provdut f'dan l-artikolu. Jekk hi hiex intitolata jew le li tmexxi hi, kif ġa intqal kwistjoni ta' meritu.

Konsegwentement dan l-ilment ta' l-appellati ma jistax jiġi eżawdit.

Imbagħad l-appellati jilmentaw ukoll mir-riġett da parti ta' l-ewwel Qorti tat-tieni eċċezzjoni tagħhom u dan għaliex, huma jgħidu, il-kelma "u" kontenuta fl-artikolu 43, li fuqu ibbażat ruħha l-appellanti, hu 'konġuntiv' u mhux "alter-nattiv" bħal li kieku dik il-kelma kienet "jew": l-appellanti għalhekk ma setgħetx, huma jsostnu, titlob il-penali min-għajr ma qabel talbet quddiem il-Bord ir-ritrattazzjoni tal-kawża.

Rigward dan l-ilment ukoll din il-Qorti taqbel intera-ment ma dak li rriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti. Il-fatt illi parti f'kawża (tkun din is-sid jew il-kerrej) quddiem il-Bord tista, jekk jidhrilha illi l-parti l-oħra otteniet deċiż-żjoni favorevoli għaliha minħabba dikjarazzjoni falsa, titlob tant ir-ritrattazzjoni tal-kawża kemm tagħmel azzjoni għad-danni u għal penali quddiem il-Qorti kompetenti, ma jfissirx illi hi obbligata bilfors li teżerċita iż-żewġ rimedji jew li ma tistax teżerċita rimedju wieħed mingħajr ma teżerċita l-ieħor ukoll. Il-konġuntiva "and also" dan hu appuntu dak li tfisser, illi ċioè il-parti aggravata għandha favur tagħha, jekk trid teżerċitahom, tant ir-rimedju l-wieħed kemm l-ieħor. M'hemm ebda ġustifikazzjoni fl-artikolu in kwistjoni għall-pretensjoni ta' l-appellat illi, biex il-parti aggravata mid-dikjarazzjoni falsa titlob id-danni u/jew il-penali qud-diem il-Qorti kompetenti, trid qabel bilfors tkun talbet ir-ri-

trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Bord — ritrattazzjoni li għaliha, *kif sewwa osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, jista* ma *jkun* għad għandha ebda interess.

Fl-aħħarnett, fl-appell inċidentali tagħhom, l-appellati jilmentaw mill-mod kif ġew allokati li spejjeż. Dan l-ilment hu nieqes minn fondament. Konsiderando *illi* bis-sentenza appellata *ġew fl-ewwel parti riġettati żewġ eċċezzjonijiet ta'* l-appellati mingħajr ma l-Qorti *waħħlithom* l-ispejjes tagħhom u li l-ewwel Qorti sabet anki raġuni ta' temperament ta' li spejjes fiċ-ċirkostanzi *partikolari tal-każ, din* il-Qorti tħoss illi d-distribuzzjoni ta' l-ispejjes ma kienitx affattu inekwa.

Għalhekk l-appell *inċidentali* ta' l-appellati ma jistax jiġi milqugħ u din il-Qorti tiċħad, kwindi dak l-appell, bl-*ispejjes kontra* l-*appellati.*

Ikkunsidrat fuq l-appell prinċipali —

Għalkemm il-Qorti ħasbet ħafna fuq il-meritu ta' dan l-appell ma jidhriliex li ssib raġuni biżżejjed biex tiddisturba l-konklużjoni raġġunta fis-sentenza appellata. Fuq il-fatti *m'hemmx*, apparti d-dokumenti, ħlief ix-xhieda ta' l-appellati Giuseppa Zerafa u Luċia Spiteri. Fuq dawn il-provi biss din il-Qorti ma tħossx li jista jingħad illi l-appellanti iddisimpenjat l-oneri tal-prova *tad-dikjarazzjoni falsa li* indubbjament kien fuqha. Kwantu għal-appellati l-oħra, apparti Giuseppa Zerafa u Lucia Spiteri, *m'hemm* fil-proċess ebda ħjiel ta' prova *kontra tagħhom.* Kwantu, għall-appell ta' Giuseppa Zerafa, *ma* jistax jingħad illi ġie sodisfaċentement pruvat illi, sew meta sar ir-rikors anki f'isimha quddiem il-Bord kemm meta hi xehdet fil-kors ta' dik il-kawża li għamlet dikjarazzjoni falsa. Pjuttost jidher anzi, mill-provi li

hemm, illi hi kienet dak iż-żmien ġenwinament tal-fehma illi l-fond kien meħtieġ għall-abitazzjoni ta' Luċia Spiteri. Anqas għar-rigward ta' din ma jista' jingħad li ġie pruvat kif imiss illi għamlet dikjarazzjoni falsa. Ir-rikors tal-Bord sar ukoll f'isimha u hi għandha titqies li kienet ukoll responsabbli ta' dak li kien jingħad fih, u preżumibilment kienet hi stess li issolliċitat li jsir dak ir-rikors, ġa la darba il-fond intalab lura biex tmur toqgħod fih hi ma żewġha. Iżda il-Qorti minn dan biss u mill-fatt posterjuri għad-deċiżżjoni tal-Bord illi hi ma marritx tabita fil-post, il-Qorti ma jidhriliex li jista jiġi konkluż, fid-dawl sempliċement tal-provi akkwiżiti għall-proċess, illi hi kienet responsabbli ta' dikjarazzjoni falsa. Din hi responsabbilità ta' natura penali u jinħtieġ fil-fehma tal-Qorti li tiġi pruvata minn min jallega bi grad rilevanti ta' ċertezza: invece fil-każ preżenti jibqa dejjem almenu d-dubju illi dak li ntqal fir-rikors f'isimha dak iż-żmien kien veru u li sa kemm ingħatat id-deċiżjoni u sa xi żmien wara ukoll hi baqgħet mhix deċiża jekk tmurx toqgħod fil-post.

F'dan l-istat ta' inċertezza il-Qorti ma tistax tagħmel preżunzjonijiet jew konġetturi.

Għalhekk anqas l-appell prinċipali ta' l-attriċi ma jista jiġi milqugħ u din il-Qorti għalhekk tiċħad ukoll dak l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.;

L-ispejjes ta' prim'istanza jibqgħu kif allokati mill-ewwel Onorabbli Qorti. L-ispejjeż ta' dan l-appell, inkwantu ma ġewx diġa deċiżi f'din is-sentenza, jibqgħu mingħajr taxxa.